PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0090(COD)

12.2.2009

EMENDI TA' KOMPROMESS 1 - 8

Abbozz ta' rapport
Michael Cashman
(PE415.164v02-00)

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (tfassil mill-ġdid)

Proposta għal regolament
(COM(2008)0229 – C6-0184/2008 – 2008/0090(COD))

Emenda 1
Michael Cashman
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda 73

Proposta għal regolament
Premessa 22 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Bħala miżura kumplimentari għal dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha tipproponi strument, li għandu jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, dwar ir-regoli komuni rigward l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u ta' dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet li jimplimenta, mutatis mutandis, il-prinċipji mfissra fid-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku.

Or. en

Emenda 2
Michael Cashman
Compromise amendment replacing Amendment 82

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

6. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet speċifiċi ta' l-aċċess għal partijiet interessati stabbiliti mil-liġi ta' l-EU, id-dokumenti li jifformaw parti mill-fajl amministrattiv ta' investigazzjoni jew tal-proċeduri li jikkonċernaw att ta' ambitu individwali m'humiex se jkunu aċ ċessibbli mill-pubbliku sakemm l-investigazzjoni tkun ingħalqet jew l-att ikun sar definittiv. Dokumenti li fihom informazzjoni miġbura jew meħuda minn xi istituzzjoni fil-qafas ta' investigazzjonijiet bħal dawn m'humiex se jkunu aċċessibbli mill-pubbliku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 3
Michael Cashman
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emendi 85, 86, 87 u AFCO 2

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) ‘dokument’ ***tfisser*** kwalunkwe kontenut ikun xi jkun il-mezz tiegħu (miktub fuq karta jew miżmum f'forma elettronika jew b ħala ħoss jew irrekordjat f'forma viżwali jew awdjoviżwali) ***mħejjija minn xi istituzzjoni u trażmessa formalment lil re ċipjent wieħed jew aktar jew irreġistrat b'mod ieħor, jew irċevut minn xi istituzzjoni***; ***data*** li qiegħda tinżamm f'forma elettronika, sistemi tal-*iproċessar* u ta' irkupru ***huma*** dokumenti jekk ***jistgħu ji ġu estratti*** f'forma ta' karta miktuba jew ***f'kopja*** ta' format elettroniku li jużaw l-g ħodda elettroniċi disponibbli għall-isfruttament tas-sistema;	(a) «dokument» ***għandha tfisser*** kwalunkwe ***data jew*** kontenut ikun xi jkun il-mezz tiegħu (miktub fuq il-karta jew mi żmum f'forma elettronika jew bħala ħoss jew irrekordjat f'forma viżiva jew awdjovi żiva) ***dwar kwistjoni marbuta ma' politika, attivitajiet u deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbilità tal-istituzzjoni***; ***informazzjoni*** li qiegħda tinżamm f'forma elettronika, sistemi tal-*ipproċessar* u ta' rkupru ***(inklużi s-sistemi esterni użati g ħax-xogħol tal-istituzzjoni) għandha tikkostitwixxi dokument jew*** dokumenti jekk ***tista' tiġi estratta*** f'forma ta' karta miktuba ***waħda jew aktar*** jew ***f'kopji*** ta' format elettroniku li jużaw l-għodda elettroniċi ***raġonevolment*** disponibbli għall-isfruttament tas-sistema. ***Istituzzjoni li tkun bi ħsiebha toħloq sistema ġdida li taħżen f'forma elettronika, jew tbiddel b'mod sostanzjali sistema eżistenti, għandha tevalwa l-impatt probabbli fuq id-dritt ta' aċċess stipulat minn dan ir-Regolament u għandha taġixxi sabiex tħeġġeġ l-objettiv tat-trasparenza;*** ***Il-funzjonijiet tal-irkupru tal-informazzjoni maħżuna f’sistemi ta’ ħżin elettroniku għandhom jiġu adattati sabiex jiġu ssodisfati talbiet ripetuti mill-pubbliku li ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati bl-għodod disponibbli fil-mument biex isir l-isfruttament tas-sistema;***

Or. en

Emenda 4
Michael Cashman
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

7. L-eċċezzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu mhux itwal minn 30 sena. Fil-każ ta' dokumenti koperti mill-***eċċeżżjonijiet dwar il-protezzjoni ta' data personali jew interessi kummerċjali u fil-każ ta' dokumenti sensittivi, l-eċċeż żjonijiet jistgħu***, jekk meħtieġ, ***jibqgħu japplikaw*** wara dan il-perjodu.	7. L-eċċezzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu mhux itwal minn 30 sena. Fil-każ ta' dokumenti koperti mill-***eċċezzjoni dwar il-privatezza u l-integrità tal-individwu, l-eċċezzjoni tista',*** jekk meħtieġ, ***tibqa' tapplika*** wara dan il-perjodu.

Or. en

Emenda 5
Michael Cashman
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emendi 49, 111 u AFCO 6

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn applikazzjoni tikkonċerna dokument li jorigina minn Stat Membru**,**	2. Fejn applikazzjoni tikkonċerna dokument li jorigina minn Stat Membru
	- li ma ġiex trasmess mill-Istat Membru fil-kapaċità tiegħu bħala membru tal-Kunsill, jew
barra dokumenti trasmessi fil-qafas tal-proċeduri li jwasslu għal att leġiżlattiv jew att mhux leġiżlattiv ta' applikazzjoni ġenerali, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru għandhom jiġu kkonsultati. L-istituzzjoni li qiegħda żżomm id-dokument għandha tikxfu sakemm l-Istat Membru jipprovdi raġunijiet għalfejn irid iżommu għalih, ibbazati fuq l-eċċezzjoniet imsemmijin fl-Artikolu 4 jew fuq id-dispożizzjonijiet ***speċifiċi fil-***leġiżlazzjoni tiegħu li ***jostakolaw*** il-kxif ***tad-dokument ikkonċernat***. ***L-istituzzjoni għandha tapprezza l-adegwatezza tar-ragunijiet mogħtija mill-Istat Membru sakemm huma bbażati fuq l-eċċezzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.***	***- li ma jikkonċernax informazzjoni mog ħtija lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni***

	l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru g ħandhom jiġu kkonsultati. L-istituzzjoni li qiegħda żżomm id-dokument għandha tikxfu sakemm l-Istat Membru *ma jipprovdix* raġunijiet għalfejn irid iżommu g ħalih, ibbazati fuq l-eċċezzjoniet imsemmijin fl-Artikolu 4 jew f'dispo żizzjonijiet ***ekwivalenti tal-leġiżlazzjoni*** tiegħu, ***jew ma joġġezzjonax fuq il-bażi tal-Artikolu 296(1)(a) KE li*** l-kxif tad-dokument ***imur kontra l-interessi essenzjali tiegħu rigward is-sigurtà.***

Or. en

Emenda 6
Michael Cashman
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant jista' jkun mitluba ħallas l-ispiża tal-produzzjoni u ta' l-impustar tal-kopji. Il-ħlas m'għandux jaqbeż l-ispiża reali tal-produzzjoni u l-impustar tal-kopji. Konsultazzjoni fil-post, kopji ta' inqas minn 20 paġna A4 u aċċess dirett fil-forma elettronika jew permezz tar-reġistru g ħandhom ikunu b'xejn .	4. L-applikant jista' jkun mitluba ħallas l-ispiża tal-produzzjoni u ta' l-impustar tal-kopji. Il-ħlas m'għandux jaqbeż l-ispiża reali tal-produzzjoni u l-impustar tal-kopji. Konsultazzjoni fil-post, kopji ta' inqas minn 20 paġna A4 u aċċess dirett fil-forma elettronika jew permezz tar-reġistru g ħandhom ikunu b'xejn . ***Fil-każ ta' ver żjonijiet stampati jew dokumenti f'format elettroniku bbażati fuq informazzjoni mi ġbura f'issejvjar elettroniku, f'sistemi tal-ipproċessar u tal-ġbir, l-ispiża attwali biex jitfittxu u jinġabru d-dokument jew id-dokumenti tista' wkoll taqa' f'idejn l-applikant. L-ebda ħlas addizzjonali m'g ħandu jintalab jekk l-istituzzjoni tkun di ġà pproduċiet id-dokument jew id-dokumenti kkonċernati. L-applikant g ħandu jiġi infurmat minn qabel dwar l-ammont u l-metodu kif jiġi kkalkulat kwalunkwe ħlas.***

Emenda 7
Michael Cashman
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emendi 127 u INTA 3

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-istituzzjonijiet għandhom mal-ewwel jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxu reġistru li għandu jkun operazzjonali sat-3 Ġunju 2002.***	3. ***Bla ħsara għar-regoli interni tal-istituzzjonijiet, ir-reġistru jew sistema ta' reġistri (fil-każ ta' reġistri multipli għall-istess istituzzjoni) ta' kull istituzzjoni għandhom b'mod partikolari jinkludu referenzi għal:***
	- dokumenti li deħlin jew ħerġin, kif ukoll il-posta uffiċjali tal-istituzzjoni fejn posta ta' dan it-tip tidħol fi ħdan id-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 3(a),
	- aġendi u sommarji tal-laqgħat u d-dokumenti mħejjija qabel il-laqgħat għaċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll dokumenti oħra iċ ċirkolati waqt il-laqgħat.
	Kull istituzzjoni għandha:
	- sal-...*, tadotta u tippubblika regoli interni rigward ir-reġistrazzjoni tad-dokumenti,
	- sal-...**, tiżgura li r-reġistru tagħha huwa operattiv b'mod sħiħ.

_____

**** Sitt xhur minn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***** Sentejn minn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa inutli u mhux prattiku li jiġi rreġistrat dak kollu li jaqa' fi ħdan id-definizzjoni wiesgħa ta' "dokument" li tinsab fl-Artikolu 3. It-test il-ġdid jistabbilixxi prinċipji dwar liema tipi ta' dokumenti għandhom ikunu rreġistrati u jeżiġi li kull istituzzjoni tadotta u tippubblika regoli interni aktar speċifiċi biex timplimenta dawn il-prinċipji.

Emenda 8
Michael Cashman
Emenda ta' kompromess li tissostitwixxi l-Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1a. Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipji ta' trasparenza u amministrazzjoni tajba jkunu applikati b'mod effettiv, l-istituzzjonijiet konċernati għandhom jaqblu dwar regoli implimentattivi komuni u proċeduri dwar il-pre żentazzjoni, il-klassifikazzjoni, deklassifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-tixrid ta' dokumenti.* ***Sabiex jiġi ffaċilitat dibattitu reali fost l-atturi involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u bla ħsara għall-prinċipju tat-trasparenza, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmluha ċara għaċ-ċittadini jekk jistax jingħata aċċess dirett għad-dokumenti matul il-fażijiet tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u meta. Dawn il-limitazzjonijiet ma għandhomx japplikaw ladarba d-deċiżjoni tkun ittieħdet.* Or. en